# Artisti Maltin li nkludew lill-Madonna tar-Rużarju fix-xogħol tagħhom

Studju ta' **Reno Muscat**

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju hija waħda antika li bdiet wara l-gwerra ta' Lepanto. Il-kult lejn il-Madonna taħt dan it-titlu huwa mifrux sewwa fil-gżejjer tagħna u nistgħu ngħidu li l-biċċa l-kbira tal-parroċċi għandhom fratellanza tal-Madonna tar-rużarju. Missirijietna fittxew li jkabbru din id-devozzjoni u għalhekk fittxew l-aħjar artisti sabiex bis-sengħa ta' jdejhom ħolqu xbihat mill-aqwa tal-Madonna tar-Rużarju. Sejrin naraw f'dawn l-artikli xi wħud mill-artisti Maltin li b'xi od ħadmu x-xbiha tal-Madonna tar-Rużarju. Il-medda tas-snin li se nitrattaw hija ta' 'l fuq minn tliet mitt sena. Se nibdew minn artisti antiki u nispiċċaw f'artisti ta' żmienna.

## Melchiorre Gafà – Skultur

Gafà twieled ġewwa l-Birgu fl-1635. Huwa mar Ruma sabiex jistudja l-arti taħt Ercole Ferrate. Huwa kien meqjus bħala l-aħjar student ta' Ferrata u fi żmien qasir għamel isem. L-ewwel xogħol tiegħu għamlu għall-knisja ta' Santa Marija in Campitelli fl-1659. Il-Papa Alessandru VII kien isegwih u bis-saħħa ta' hekk, Gafà wettaq bosta xogħol. Fl-1659 huwa skolpa l-istatwa ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Sena wara huwa skolpa wkoll l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** li nsibu fil-knisja tal-Madonna ta' l-Għar ġewwa r-Rabat Malta.

Jingħad li l-istatwa ta' San Ġużepp fl-Oratorju tal-Birgu hija xogħol tiegħu. Jingħad ukoll li l-istatwi ta' San Duminku tal-Belt u San Bert tal-Għargħur bdiehom hu, iżda dwar dawn xejn ma huwa ċert.

Gafà għamel bosta xogħol għall-knejjes Taljani u nsemmu biss l-istatwa ta' Santa Katarina ta' Siena fil-knisja ta' Magnanapoli ġewwa Ruma. Huwa kien imqabbad jaħdem l-istatwa ta' l-irħam tal-magħmudija ta' Kristu għall-knisja Konventwali ta' San Ġwann il-Belt. Gafà beda jaħdem din l-istatwa fl-1667, meta balla tafal waqgħet fuqu. Din kienet diżgrazzja li temmitlu ħajtu. Gafà ħalla ħafna xogħol mibdi. L-istatwa tal-magħmudija tal-Kon Katidral spiċċaha Giuseppe Mazzuoli.

## Stefano Erardi – Pittur

Wieħed mill-aqwa pitturi li qatt rat Malta, bla dubju huwa Stefano Erardi. Huwa twieled fl-1630 ġewwa l-Belt Valletta u kien ġej minn familja ta' artiġjanat. Ix-xogħol bikri ta' dan l-artist jagħtina x'nifhmu li studja f'ambjent manjerist. Sakemm wasal Malta l-Kalabriż Mattia Preti fl-1661, Erardi kien iddomina x-xena artistika f'Malta. Huwa mexa ħafna fuq il-passi ta' Preti, għalkemm kien ikun ikkritikat ħafna minħabba li kellu ħabta jikkopja persuni sħaħ minn kwadri oħra.

Fost il-kwadri ta' dan il-pittur insibu fil-Kon Katidral ta' San Ġwann il-kwadri tat-twelid ta' Kristu, il-Maġi u l-innoċenti kif ukoll l-għaxar appostli. Il-kwadru titulari ta' San Pawl ir-Rabat Malta huwa xogħol kbir tiegħu. Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa Erardi pitter il-kwadru tal-**Madonna tar-Rużarju**. Huwa għandu wkoll pittura fil-palazz il-Belt.

Stefano Erardi kellu iben, Alessio li mexa fuq il-passi ta' missieru. Stefano miet fl-1716.

## Ġużeppi Azzopardi – Skultur u Arkitett

Ġużeppi Azzopardi li kien magħruf bħala "Iż-Żgħir" kien iben Salvu mill-Birgu.

L-iskultur Ġużeppi Azzopardi ġie avviċinat mill-Fratellanza tar-Rużarju ta' Birkirkara sabiex jagħmel statwa tal-**Madonna tar-Rużarju**. Fis-7 ta' Ġunju 1693 l-Imgħallem Azzopardi ffirma l-kuntratt ta' din l-istatwa quddiem nutar f'Birkirkara. Azzopardi ntrabat li jiskolpi fl-injam statwa tal-Madonna tar-Rużarju għall-ħlas ta' 155 skud. L-istatwa kellha tkun tixbaħ l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Melchiorre Gafà li tinsab fil-knisja tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat fil-knisja tal-Madonna ta' l-Għar.

Il-Prokuratur tal-Fratellanza, Duminku Borg, intrabat li jagħti lill-imgħallem l-injama li minnha toħroġ l-istatwa.

L-imgħallem intrabat li jlesti din l-istatwa fiżmien sitt xhur u kemm-il darba ma tkunx taqbel ma' dik tar-Rabat, il-fratellanza ma jaċċettawhiex. L-Imgħallem Azzopardi kellu jagħmel ukoll pedestall għall-istatwa. Azzopardi ntrabat ukoll li jnaddaf l-istatwa minn biċċiet ta' ħadid jew injam li jkun baqa' magħha. L-istatwa kellha tibqa' fuq l-injam.

L-istatwa kienet lesta u ntgħoġbot. Iżżanżnet fil-festa tal-Madonna tar-rużarju tas-sena 1694. L-ewwel pagament sar fil-11 ta' Ottubru 1694 u t-tieni u l-aħħar pagament sar fid-9 ta' Mejju 1695.

Ta' Azzopardi wkoll hija l-pjanta tal-knisja tal-Viżitazzjoni ta' l-Għarab li bdiet tinbena fl-1698.

## Pietru Feliċi – Skultur

Feliċi twieled ġewwa Ħal Qormi fit-22 ta' Diċembru 1669. Missieru kien Wistin u ommu Grazzja imwielda Mallia. Ftit li xejn huwa magħruf dwar dan l-artist iżda idher li huwa studja taħt xi artist lokali ieħor. Ommu mietet u missieru żżewweġ mara oħra fl-1684. Il-familja Feliċi kienet toqgħod ġewwa l-Isla. Dan l-artist kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu ġewwa l-Isla u probabbli li kien jiskolpi l-puleni tax-xwieni.

Bħal ma diġà għidna, ma tantx nafu dwar ix-xogħol ta' Feliċi imma nistgħu nsemmu l-istatwa ta' San Nikol f'nofs il-misraħ tas-Siġġiewi. Ta' dan l-artist ukoll hija l-istatwa titulari ta' San Nikola li saret fis-snin 1736-37. Ta' Feliċi wkoll hija l-istatwa titulari ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi tas-sena 1741. Tiegħu wkoll huma l-erba' puttini li nsibu mal-pedestall ta' San Ġorġ. Feliċi naqax ukoll l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Din saret fl-1741 fuq l-istatwa tar-Rużarju ta' Gafà. L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp l-Imsida hija attribwita lilu.

Ftit li xejn nafu iktar dwar Pietru Feliċi, għajr li lejlet il-jum tal-mewt tiegħu huwa għamel testment li jsemmi li kien joqgħod il-Belt Valletta u li kellu tlett itfal. Huwa miet fis-17 ta' Frar 1743.

## Francesco Zahra – Pittur

Francesco twieled fil-15 ta' Diċembru, 1710. Fil-familja kellu bosta nies ta' l-arti u huwa mexa fuq il-passi tagħhom. Huwa studja taħt il-pittun Ġan Nikol Buhagiar li malajr laħqu u spiċċa biex għaddieh.

Zahra kien ħafif fix-xogħol u pitter bosta kwadri reliġjużi. Kien jaf jagħżel il-kuluri u kellu sens tajjeb ta' kompożizzjoni. Huwa wettaq opri sbieħ fi żmien tassew tajjeb għall-arti Maltija.

Fost il-ħafna xogħol tiegħu nsemmu l-kwadru titulari ta' Sant'Elena ta' Birkirkara. Fil-Katidral ta' l-Imdina huwa pitter il-koppla u s-saqaf ta' l-awla kapitulari. Għandu bosta kwadri fi knejjes rurali. F'Ħaż-Żebbuġ huwa pitter il- kwadri laterali u s-Siġġiewi pitter il-kwadri laterali wkoll, kif ukoll dawk ta' Bormla.

Fost ħafna oħra, Zahra pitter il-kwadri tal-**Madonna tar-Rużarju** ta' Birkirkara, tal-Qrendi, ta' Ħal Safi, tax-Xewkija filwaqt li dak ta' Ħ'Attard huwa attribwit lilu wkoll.

Huwa miet fid-19 ta' Awissu, 1773.

## Rokku Buhagiar – Pittur

Dan il-pittur twieled ġewwa Bormla għall-ħabta ta' l-1723. Huwa studja l-arti taħt Enrico Arnaud. Buhagiar għandu bosta pitturi fil-gżejjer Maltin.

Il-knejjes ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, ta' San Bert tal-Għargħur, tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien u ta' San Pawl tal-Belt huma fost il-ħafna li għandhom xogħol tiegħu. Il-kwadru titulari antik tal-parroċċa tal-Qrendi huwa xogħol ta' Buhagiar. F'kappelli rurali bħal ma huma ta' l-Isperanza tal-Mosta, taż-Żellieqa, l-Għargħur u l-Madonna tal-Ħniena tal-Qrendi ndibu kwadri ta' dan l-artist.

Buhagiar pitter ukoll il-kwadru tal-**Madonna tar-Rużarju** li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' San Publju l-Furjana, u l-kwadru tal-Madonna taħt l-istess titlu tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi huwa attribwit lilu wkoll.

Rokku Buhagiar miet fl-1805.

## Marjanu Gerada – Skultur

Gerada twieled ġewwa Ħal Tarxien fis-7 ta' Mejju, 1766. Minn ċkunitu kien miġbud lejn l-arti u għalhekk mar jistudja taħt Caveglio ġewwa Valenzia fi Spanja. Huwa ħadem ukoll xi xogħol għar-Re ta' Spanja.

Xi allievi ta' Gerada kisbu isem ukoll, fost oħrajn insibu lil Pietru Pawl Azzopardi, Salvu Psaila u Xandru Farrugia. Gerada kien jaħdem kemm fl-injam kif ukoll fil-ġebel. Fost ix-xogħol tiegħu nsibu tliet statwi titulari li huma l-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar ta' l-1797, Santa Marija ta' Ħal Għaxaq tas-sena 1808 u Santa Katarina taż-Żurrieq tas-sena 1818.

Dan l-artist ħadem ukoll l-istatwa tal-Kunċizzjoi ta' l-Isla tas-sena 1804, l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** tas-Siġġiewi ta' l-1805 u dik ta' San Mikiel ta' Bormla fl-1819.

Fost l-istatwi tal-ġebel li ħadem Gerada nsibu l-Madonna tal-Grazzja fi Triq is-Santwarju Ħaż-Żabbar u Santa Katarina ta' Misraħ ir-Repubblika taż-Żurrieq. Marjanu Gerada kien jaħdem ukoll puleni tax-xwieni. Huwa miet f'Bormla fl-24 ta' Jannar, 1823.

## Xandru Farrugia – Skultur

Xandru twieled fit-2 ta' Frar, 1791 ġewwa ż-Żejtun. Missieru kien Ġużeppi u ommu Duminka, imwielda Abela. Farrugia studja taħt Marjanu Gerada u bħalu ħadem kemm skultura fl-injam kif ukoll fil-ġebel.

Wieħed mill-ewwel xogħol tiegħu kienet l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** ta' Ħal Għaxaq. Huwa ħadem ukoll l-istatwi titulari tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien fl- 1829, Santa Marija ta' l-Imqabba fl-1836 u San Pawl ta' Ħal Safi tas-sena 1840.

Ħadem ukoll xi statwi tal-Ġimgħa l-Kbira għaż-Żejtun, in-Naxxar u San Ġorġ Għawdex. Tiegħu wkoll huma l-istatwi tal-Kunċizzjoni fil-knisja ta' Ġieżu l-Belt Valletta, il-Madonna tal-Katina ġewwa l-bażilka ta' l-Isla u San Mikiel ta' San Ġorġ Għawdex.

Fost l-istatwi tal-ġebel li ħadem Farrugia nsibu dik ta' San Ġużepp tal-misraħ tal-Gudja tas-sena 1834, San Franġisk u l-Kunċizzjoni għall-knisja ta' Ġieżu l-Belt fl-1836 u Sant'Anna għal Wied il-Għajn fis-sena 1858.

Statwa oħra tal-**Madonna tar-Rużarju** li ħadem Farrugia hija dik tax-Xagħra Għawdex li saret fl-1849. Skond il-ktieb 'L-Istatwi Titulari ta' Malta u l-Istatwarji Tagħhom' ta' Guido Lanfranco, l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju tal-Għargħur hija ta' Farrugia wkoll.

Xandru żżewweġ lil Marjanna Zahra u kellhom tlett itfal. Huwa miet fl-4 ta' Diċembru fl-1871 ġewwa d-dar tiegħu fiż-Żejtun.

## Pietru Pawl Azzopardi – Skultur

Pietru Pawl Azzopardi twieled ġewwa l-Belt nhar il-21 ta' April, 1791. Missieru kien Antonio u ommu Marija, imwielda Camilleri. Il-familja Azzopardi marret toqgħod ġewwa Bormla meta Pietru Pawl kien qed jikber. Huwa studja għand Marjanu Gerada.

Azzopardi żżewweġ lil Giovanna Roża Camilleri fl-1817, huma kellhom tlett itfal. Fl-1883 Azzopardi romol. Huwa mar joqgħod il-Belt.

Għall-knisja ta' Bormla huwa ħadem l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** fis-sena 1828. Għall-istess knisja huwa ħadem l-istatwa ta' Sant'Agata u l-Ecce Homo, il-Marbut u l-Imgħobbi għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Bħala statwi titulari Azzopardi ħadem tlieta li huma l-Bambina tal-Mellieħa tas-sena 1853, San Ġorġ tar-Rabat Għawdex fl-1839 u San Ġwann Battista għax-Xewkija tas-sena 1845.

Xogħol ieħor ta' Azzopardi huwa San Mikiel tal-knisja ta' San Ġorġ Ħal Qormi, il-Kurċifiss ta' San Ġorġ Għawdex u Santu Kruċ għal Ta' Ġieżu l-Belt. Huwa ħadem ukoll għadd ta' puleni u xi appostli ta' l-artali li tista' tgħid illum ma fadal xejn minnhom.

Pietru Pawl Azzopardi miet fid-dar ta' ibnu ġewwa l-Belt Valletta nhar l-24 ta' Ottubru 1785.

## Antonio Chircop – Skultur

Dan l-iskultur twieled ġewwa l-Isla fid-29 ta' April, 1798. Bħal ħafna skulturi oħra ta' żmienu u ta' beltu, huwa kien jiskolpi puleni għax-xwieni tat-tarzna. Kien jaħdem ukoll gandlieri u appostli ta' fuq l-altari.

Chircop ħadem l-istatwa titulari ta' San Marija tal-Qrendi fl-1840. Huwa ħadem ukoll l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** tal-Gudja fl-1851, iżda minħabba l-piż tagħha din l-istatwa nbidlet fl-1922. Illum din l-istatwa tinsab fil-knisja tal-Lunzjata fil-Gudja stess.

Ta' Chircop ukoll hija l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** ta' Ħaż-Żabbar li huwa ħadem fl-1861. Statwa oħra ta' dan l-iskultur hija dik tat-Trinità tal-bażilka ta' l-Isla.

Huwa miet ġewwa l-Isla fl-1 ta' Jannar, 1869.

## Salvu Dimech – Skultur

Dimech twieled ġewwa l-Mosta fis-27 ta' Frar, 1804. Kien tifel ta' bla skola imma kellu talent. Għalhekk bagħtuh jitgħallem l-iskultura għand Sigismondo Dimech. Għandu skultura kemm fil-ġebel kif ukoll fl-injam.

Bħala statwi titulari, Dimech ħadem il-Lunzjata ta' Ħal Balzan fl-1868 u Santa Marija l-oriġinali tal-Mosta fl-1868 ukoll.

"Is-Sarġ", kif kien magħruf dan l-iskultur, ħadem ħafna statwi fil-ġebel u fost oħrajn insibu l-Madonna tal-Karmnu barra l-bażilka tagħha fil-Belt Valletta, San Girgor taż-Żejtun, San Pawl fuq il-Gżejjer u l-**Madonna tar-Rużarju** tan-Nadur fl-1861.

Dimech ħadem ukoll skultura għat-Teatru Rjal u għall-Kon Katidral ta' San Ġwann.

Huwa kien mar joqgħod Ħal Lija meta żżewweġ u baqa' hemm sakemm miet fis-26 ta' Ottubru, 1886.

## Vincenzo Bonnici – Skultur

Vincenzo Bonnici twieled ġewwa l-Isla fl-20 ta' Marzu, 1821. Kien iben Giacchino u Eufemia mwielda Gabrieli. Kien mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' l-Isla u tawh l-isem ta'

Lorenzo, Giuseppe, Gioacchino, Vincenzo u Fortunato. Minn dawn kollha, il-ġenituri għazlu li jsejħulu Vincenzo. Vincenzo żżewweġ lil Anna Le Brun u kien joqgħod ġewwa l-Isla fi Triq il-Vitorja. Il-ħanut tax-xogħol tiegħu kien jinsab ukoll ġewwa l-Isla. Ibnu Aristide meta fuq il-linja ta' missieru. Ftit li xejn insibu miktub dwaru, forsi minħabba li miet żgħir fl-1865 fl-età ta' 44 sena. Il-Professur Nikola Zammit, Achille Ferris u Pieetru Pawl Castagna semmewh fil-kitba tagħhom wara mewtu.

Bonnici ħadem ħafna puleni ta' l-injam għal diversi bastimenti li kienu jinbnew fit-tarzna markantili ta' Malta, li tinsab viċin l-Isla u għalhekk qrib il-ħanut tax-xogħol tiegħu. Fl-1859 kien maħtur "Master of Lineal Drawing" fl-Iskola Primarja ta' l-Isla u kellu salarju ta' 25 lira fis-sena. Is-sena ta' wara s-salarju żdiedlu għal 30 lira fis-sena.

L-ewwel statwa li naqax Bonnici kienet fl-1840, dik tal-Madonna tal-Penitenza għall-knisja ta' San Ġiljan ta' l-Isla stess. Madwar sena wara ħadem għall-Isla wkoll l-istatwa tal-Madonna tad-Dutrina. Din l-istatwa nħadmet taħt id-direzzjoni ta' Tumas Madiona. Din l-istatwa wara sarilha xi tibdil minn iben l-iskultur, Aristide, sabiex saret turi lill-Madonna tal-Karmnu. Vincenzo ħadem ukoll il-gwarniċ tal-kwadru tal-Bambina. Il-ventartal għall-altar maġġur ta' l-Isla sar fuq disinn tiegħu. Fil-knisja parrokkjali kolleġġjata ta' Bormla nsibu żewġ anġli li kienu jiffurmaw parti mill-vara ta' Santu Kruċ (is-sejba tas-salib) maħduma mill-artist fl-1854.

Bonnici naqax ukoll l-istatwa tal-**Madonna tar-Ružarju** għall-knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu. Din hija statwa ta' valur artistiku kbir u għandha kompożizzjoni tajba b'ispirazzjoni stil Nazzaren. Bonnici tħallas ta' dan ix-xogħol 480 skud mill-Fratellanza tar-Ružarju ta' din il-knisja. Din l-istatwa lestieha fl-1864 u probabbli hija l-aħħar xogħol tiegħu. Din l-istatwa kienet esebita fil-wirja industrijali ta' l-istess sena fejn rebħet l-ewwel premju u l-iskultur Vincenzo Bonnici ngħata medalja tad-deheb.

Vincenzo Bonnici miet fit-12 ta' Awissu, 1865 fid-dar tiegħu ġewwa l-Isla u kien midfun f'qabar ġewwa l-knisja parrokkjali ta' l-Isla.

## Karlu Darmanin – Statwarju

Bla dubju ta' xejn wieħed mill-iktar statwarji Maltin li għandu xogħol huwa Karlu Darmanin. Huwa twieled ġewwa l-Isla fit-30 ta' Awissu 1825. Missieru kien jismu Ġużeppi u ommu Marija mwielda Cumbo. Il-familja Darmanin kienet waħda ta' marmisti u Karlu beda jaħdem l-irħam ma' ħuh Ġanni, imma malajr biddel is-sengħa u beda jaħdem l-istatwi.

Karlu żżewweġ lil Annette Ready, skoċċiża u kienu joqgħodu l-Isla, imma wara mar joqgħod il-Ħamrun fejn kellu wkoll il-ħanut tax-xogħol tiegħu. L-ewwel xogħol tiegħu kienet il-vara tad-Duluri ta' Ħal Għaxaq fis-sena 1851. Darmanin għandu tliet statwi titulari li għadhom jintużaw li huma s-Salvatur ta' Ħal Lija tas-sena 1864, San Gejtanu tal-Ħamrun tas-sena 1882, u San Ġiljan ta' l-1893. San Leonardu ta' Ħal Kirkop u Santa Margerita ta' Sannat kienu statwi titulari ta' Darmanin imma llum inbidlu.

Waħda mill-iktar knejjes li għandu xogħol ta' Darmanin hija dik ta' San Ġorġ Ħal Qormi fejn insibu l-Korp Sant ta' Santa Konsolata u l-Korp Sant ta' San Massmu, l-istatwi tal-Kunċizzjoni, il-**Madonna tar-Ružarju** u l-anġlu tal-blandun. Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din l-parroċċa, insibu l-istatwa ta' Ġuda tas-sena 1908 li kienet l-ewwel waħda f'Malta u baqgħet unika sa l-1961. L-ort ta' din il-purċissjoni huwa attribwit lil Darmanin ukoll. Barra minn dan kollu, din il-parroċċa tippossedi bosta statwi li jintramaw fit-toroq fil-jiem tal-festa ta' San Ġorġ li huma ta' Darmanin. Knisja oħra li tiftaħar bix-xogħol ta' dan l-istatwarju hija dik tal-Mosta li għaliha ħadem ħafna mis-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

Darmanin ħadem mijiet ta' statwi u fost dawn insibu l-istatwi tal-**Madonna tar-Ružarju**

tal-Mellieħa, in-Naxxar u ż-Żurrieq. Fil-knisja tan-Nazzarenu ta' Tas-Sliema nsibu l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** attribwita lil Darmanin.

Huwa miet fil-25 ta' Ottubru, 1909 u ndifen fil-qabar tat-Trinitarji ta' l-Isla fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

## Giuseppe Calì – Pittur

Giuseppe Calì twieled fl-14 ta' Awissu, 1846 ġewwa l-Belt Valletta. Il-ġenituri tiegħu kienu Raffaelle u Giovanna mwielda Padiglione, Naplitani refuġjati f'Malta. Ta' 17-il sena Calì mar jistudja fl-Accademia di Belli Arti ġewwa Napli. Studja taħt Giuseppe Mancinelli u Domenico Morelli.

L-ewwel pittura tiegħu kienet il-kwadru ta' Dragut li tinsab fil-mużew ta' l-Arti, imma l-ewwel kwadru reliġjuż li pitter Calì, kien dak tal-**Madonna tar-Rużarju** li nsibu fil-knisja parrokkjali tal-Mosta. Minn hawn 'il quddiem, ħafna knejjes bdew jordnaw xi pittura għandu. Fost il-knejjes li huwa kien ikkommissjonat minnhom insibu dawk tal-Qrendi, tal-Kalkara, San Pawl il-Baħar, Ħal Għargħur, il-Mellieħa u San Lawrenz Għawdex li għandhom il-kwadru titulari ta' dan il-pittur.

Il-kwadri tal-**Madonna tar-Rużarju** tal-knejjes parrokjali ta' l-Imsida u tal-Mellieħa huma t-tnejn ta' Giuseppe Calì. Xi knejjes parrokkjali oħra li għandhom pittura ta' Calì huma dawk ta' Ħal Balzan, Birkirkara (Sant'Elena), Birgu, Bormla, Fontana, Għajnsielem, Gżira, Ħamrun, Ħal Lija, Marsaxlokk, Ħal Qormi (San Ġorġ) Rabat Malta, l-Isla, Siġġiewi, Sliema (Sacro Cuor, Stella Maris u Nazzarenu) Ħal Tarxien, il-Bel Valletta (San Duminku, San Pawl u Santu Wistin) Rabat Għawdex (San Ġorġ), Xagħra u ż-Żurrieq. Ta' min isemmi l-pittura enormi tas-saqaf tal-knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal, li hija l-ikbar kwadru tal-pittur.

Calì kien ipitter ukoll ritratti ta' persuni u kien ukoll jiżbogħ l-istatwi. Fost l-istatwi li huwa żebagħ insibu l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** ta' Ħal Luqa. Huwa kien iżżewweġ lil Perennia Pace f'Awissu, 1871 u kellhom għaxart itfal. Calì miet fl-1 ta' Marzu, 1930.

## Lazzaro Pisani – Pittur

Dan il-pittur huwa wieħed mill-iktar li għandu xogħol mifrux fil-knejjes tagħna. Huwa twieled fil-5 ta' Diċembru, 1854 ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Missieru kien Wistin u ommu Ġużeppa mwielda Sciortino. Huwa kien kuġin ta' l-iskulturi magħrufa Antonio u Franġisku Saverju Sciortino.

Pisani studja fil-Liċeo taħt il-Professur Bellanti u tgħallem ukoll minn Carlo Ignatio Cortis. Kien jaħdem bħala għalliem ta' l-arti u fil-vaganzi tas-sajf kien isiefer l-Italja fejn żar bosta bliet interessanti. Fl-1885 ħa sehem f'wirja bejn il-kolonji bil-kwadru "Il-mewt ta' Abel" fejn huwa rebaħ midalja tal-fidda.

Huwa kien imfittex mhux biss għall-arti sagra, imma pitter ukoll għadd ta' ritratti ta' nies magħrufa. L-ikbar biċċa xogħol li għandu hija s-saqaf tal-knisja tan-Nadur li fiha 'l fuq minn 150 biċċa pittura biex tiksi s-saqaf kollu tal-bażilka. Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp tal-kalkara nsibu l-kwadru ta' San Filep li jitqies bħala l-Kapolavur ta' Pisani.

Impossibbli li nsemmu x-xogħol kollu ta' Pisani imma ta' interess għal din il-kitba huwa l-kwadru tal-**Madonna tar-Rużarju** li nsibu fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'Tas-Sliema. F'dan il-kwadru naraw lill-madonna tippreżenta l-kuruna lil San Duminku.

Lazzaro Pisani miet fid-dar tas-sajf tiegħu li kellu San Pawl il-Baħar fil-31 ta' Awissu, 1932. Pisani kien baqa' jpitter sakemm miet u kemm fil-knisja tas-Siġġiewi kif ukoll fil-knisja ta' l-Imġarr Għawdex ħalla xogħol mhux komplut.

## Abram Gatt – Disinjatur u Skultur

Abram Gatt twieled ġewwa Bormla fl-4 ta' Ottubru, 1863. Missieru kien Ġużeppi u ommu Reġina mwielda Cassar. Huwa tħarreġ fix-xogħol tal-kartapesta taħt Karlu Darmanin, studja d-disinn taħt Lazzaro Pisani u l-iskultura ġewwa l-iskola teknika tal-Kottonera.

Ix-xogħol tiegħu huwa bla limitu u mifrux sewwa ma' Malta. Huwa ħadem u ddisinja xogħol ta' l-injam u tal-fidda. Gatt ħadem l-istatwa ta' San Ġużepp ta' Bormla fl-1903. Fl-1905 huwa ddisinja l-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u llum nistgħu ngħidu li sin l-istatwa hija tiegħu.

Huwa ddisinja bosta lampieri, gandlieri, pedestalli, ostensorji, trieħi u apparat ieħor għall-knejjes. Fost l-iktar xogħol magħruf tiegħu insemmu t-tużell ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, in-niċċa ta' San Ġorġ u l-pedestall ta' San Ġużepp ġewwa Ħal Qormi, il-bradelli tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan u ta' Santa Marija ta' l-Imqabba.

Tiegħu wkoll huma d-disinji tal-ventartali tal-**Madonna tar-Rużarju** ta' San Ġorġ Ħal Qormi u ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ. Gatt għamel ukoll restawr fuq l-istatwi ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa, il-Lunzjata ta' Ħal Balzan, Santa Marija ta' l-Imqabba u San Publju tal-Furjana.

Matul il-gwerra huwa kien mar joqgħod Ħaż-Żebbuġ fejn miet fit-28 ta' Marzu, 1944. Huwa ndifen fil-qabar tal-Fratellanza tal-Kurċifiss ta' Bormla, ġewwa ċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

## Anġlu Dalli – Skultur u Statwarju

Nistgħu ngħidu li dan il-bniedem huwa marbut ma' raħal twelidu, il-Gudja. Anġlu Dalli kien magħruf bħala "Tas-Suffari". Għall-Gudja Dalli ħadem l-istatwa ta' Malta li tintrama fil-festa ta' Santa Marija. Anġlu Dalli kien ukoll l-imgħallem li fuq disinn ta' Karlu Farrugia bena l-faċċata tal-knisja parrokkjali tal-Gudja.

Fl-4 ta' Novembru, 1921 huwa beda jaħdem l-istatwa tal-**Madonna tar-Rużarju** tal-Gudja biex tieħu post l-istatwa l-antika ta' Antonio Chircop li kienet saret fl-1851. L-istatwa l-ġdida kienet lesta fl-1922 u l-miġja tagħha fil-Gudja ma nistgħux ngħidu li kien kollox ward u żahar.

Ta' dan l-artist ukoll kienet l-istatwa tal-Madonna ta' Leisse tal-Belt Valletta, liema statwa nqerdet bil-gwerra. Dalli kien mar joqgħod Ħal Tarxien meta żżewweġ. Huwa miet fil-11 ta' Frar, 1936.

## Wistin Camilleri – Statwarju

Wistin Camilleri twieled ġewwa r-Rabat Għawdex fit-2 ta' Mejju, 1885. Missieru kien Ġużeppi u ommu Katarina. Huwa studja l-arti kemm f'Malta kif ukoll ġewwa l-akkademja ta' l-arti San Luca ta' Ruma taħt Canonica u Pizzardi.

Wara li ġie lura Malta huwa ħadem ma' Giuseppe Calì u Lazzaro Pisani sakemm fl-1909 fetaħ l-istudju tiegħu, fejn dam jaħdem għal sebgħin sena.

Huma bla għadd ix-xogħlijiet tiegħu, imma nistgħu nsemmu li ta' dan l-artist huma l-istatwi titulari tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana tas-sena 1923 u San Pawl tal-Munxar li ħadem fis-sena 1933. L-istatwa titulari ta'San Ġużepp tal-Kalkara li nqerdet bil-gwerra kienet ukoll ta' Camilleri. Tiegħu wkoll huma l-istatwi tal-**Madonna tar-Rużarju** tal-parroċċa tat-Trinità l-Marsa u ta' Stella Maris Tas-Sliema.

Minbarra dawn u mijjiet ta' statwi oħra fil-kartapesta Wistin Camilleri ħadem ukoll statwi tal-ġebel bħal dawk li nsibu fil-bażilka ta' Pinu u statwi tal-konkos bħal dawk ta' Sant'Anna u San Ġwakkin tal-Qala.

Wistin ħadem ukoll għadd ta' statwi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-aħħar xogħol tiegħu kien proprju l-istatwa ta' Ġuda tan-Naxxar. Bħala skultura fl-injam insemmu l-monument tal-

Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta.

Mhux possibbli li fi ftit spazju tikteb dak kollu li ħadem Camilleri, għax huwa għandu xogħol vast, bħal statwi fil-knejjes, statwi fuq barra, statwi għall-marċijiet, skultura, xogħol għal djar privati u xi pittura wkoll. Barra li xogħlu huwa vast, Camilleri baqa' jaħdem għal 70 sena, f'liema snin huwa ħadem mijjiet ta' statwi.

Wistin Camilleri kien miżżewweġ lil Franġiska u għandhom sitt itfal. Huwa miet fl-4 ta' Lulju, 1979.

## Rafel Bonnici Calì – Pittur

Bonnici Calì twieled fis-7 ta' Ġunju, 1907 ġewwa Ħal Tarxien. Minn ċkunitu wera ħajra għall-pittura u għalhekk studja ġewwa l-iskola ta' l-arti. Kien aprentist tal-famuż Giuseppe Calì, li jiġi z-ziju ta' ommu. Bonnici Calì studja r-restawr ġewwa l-Italja taħt Mettucci, Joni u Strocco.

Fl-1932 beda jaħdem għall-knejjes fejn pitter id-dehra tal-Madonna lil San Gejtanu u San Pietru u San Pawl għall-knisja tal-Ħamrun. Huwa fetaħ l-istudju tiegħu ġewwa l-Belt u beda jkun imfittex kemm għall-pittura kif ukoll għar-restawr. Matul il-gwerra huwa kellu jieqaf mix-xogħl tiegħu, iżda meta din spiċċat, Bonnici Calì kellu bosta xogħol ta' pittura u restawr.

Dan l-artist kien imqabbad mill-Beatu Dun Ġorġ Preca biex ipittirlu 'l-Madonna tal-Verbum Dei. Xogħol kbir u sabiħ ta' dan il-pittur huwa "il-Magnificat" li nsibu fil-gallarija ta' l-orgni tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Bonnici Calì pitter ukoll il-kwadru tal-**Madonna tar-Rużarju** fil-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu. Kwadru ieħor tal-**Madonna tar-Rużarju** li pitter Rafel, huwa dak li juri lil San Ġużepp, qaddis patrun ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, San Nikola, qaddis patrun ta' l-Isqof Nikol Cauchi, u l-Madonna sabiex tfakkarna fil-Papa Ġwanni Pawlu II. Dan il-kwadru tpitter fl-okkażjoni tal-wirja li tella' l-pittur fl-1985 fil-mużew tal-Katidral l-Imdina.

## Marco Montebello – Skultur

Marco twieled ġewwa Ħal Qormi fid-9 ta' Jannar, 1915. Missieru kien Ġanni u ommu Ġużeppa mwielda Zammit. Minn ċkunitu wera t-talent tiegħu u ta' tlettax-il sena huwa skolpa statwa ta' San Bastjan. Din l-istatwa ġibdet l-attenzjoni ta' Ramiro Calì li ħajru jieħu l-iskultura bis-serjetà. Montebello studja d-disinn u l-imudellar taħt Robert Caruana Dingli, Antonio Micallef u Antonio Sciortino.

Huwa beda jiskolpi fil-ġebla Maltija u malajr beda jkun imfittex. Matul is-snin tal-gwerra, Montebello kellu jħalli dan ix-xogħol sabiex iservi mar-Royal Engeneers fil-Forti ta' San Iermu.

Wara l-gwerra huwa kompla x-xogħol ta' skultura fil-ġebel. Skolpa bosta statwi u fost dawn insibu dik mal-faċċata tal-knisja ta' Santu Wistin il-Belt, il-Madonna tal-Midalja Mirakuluża fuq il-bieb tal-kappella tal-M.U.S.E.U.M. ġewwa l-Blata l-Bajda, l-Evanġelisti fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ, statwa ta' San Ġorġ fil-każin tal-Banda San Ġorġ Martri Ħal Qormi, statwa ta' San Bastjan fil-Każin Banda Pinto, Ħal Qormi, il-Madonna bil-Bambin fuq il-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Pompej f'Marsaxlokk u s-sett ta' l-appostli li nsibu fil-portiku tal-knisja parrokkjali tal-Mosta. Ta' Montebello wkoll hija l-istatwa ġganteska ta' San Franġisk li nsibu fuq il-kampnar tal-knisja tal-Franġiskani tal-Ħamrun.

Marco ħadem ukoll għad ta' statwi għal niċeċ fit-toroq Maltin. Waħda mill-iktar magħrufa hija dik tal-**Madonna tar-Rużarju** li tinsab fi Triq San Bastjan kantuniera ma' Triq Correa, Ħal Qormi. Din l-istatwa għandha l-firma "MARCO" tidher sew fuq il-bażi ta' l-istatwa.

Montebello kien joqgħod Raħal Ġdid u miet fit-12 ta' Lulju, 1988.